MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 77/2003

**Toni Spiteri**

**vs**

**Joseph Portelli**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghid int konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kundannat thallas lill-attur is-somma ta' mija u tnejn u sebghin lira Maltin, u erbatax-il centezmu (Lm 172.14) ammont dovut minnek fuq *parts, spray u labour* li sar fuq il-karozza tieghek 'Seat Cordoba' – DBG 286, fuq instruzzjonijiet tieghek stess.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri bonarji datati 28 ta' Mejju 2003, u 10 ta' Gunju 2003 u dik ta' ittra ufficjali datata Gunju 2003 u bl-imghaxijiet legali fuq l-ammont

dovut dekorribbli mill-1 ta' Awissu 2001 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti imsejjah."

Ra l-ewwel eccezzjoni tar-risposta fis-sens li l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-artiklu 2148 tal-Kodici Civili.

Sema' l-provi;

Ikkunsidra dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni:

Illi l-eccipjent ma qalx taht liema subinciz tal-artiklu 2148 tal-Kodici Civili huwa qieghed iqanqal l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar. Gie ritenut mill-Qrati taghna illi huma b'ligi ma jistghux ex officio jaghtu effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata (Artiklu 2111 Kodici Civili) u ghalhekk huma m'ghandhomx ifittxu biex jaraw hix applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvokaha – Hekk irriteniet il-Qorti tal-Appell Kummercjali, 21.03.1977 Joseph Grech vs Emmanuele Camilleri et – mhux ippubblikata - f'kaz fejn l-eccipjent semma' l-artiklu 2254 (illum 2149) tal-Kodici Civili u cioe' l-artiklu li japplika l-preskrizzjoni biennali minghajr ma saret riferenza ghas-subinciz partikolari: *l-eccepita preskrizzjoni biennali mhix indikata b'mod sufficjentement car u specifiku la bl-indikazzjoni tal-art. 2254 tal-Kodici Civili, li f'ben hames incizi distinti, jipprospetta l-preskrizzjoni ta' azzjonijiet ghal kollox differenti wahda mill-ohra u ovvjament, wisq u wisq inqas bil-kliem 'u kwalunkwe preskrizzjoni ohra li taghmel ghall-kaz'.* Ovvjament dak li japplika ghall-artiklu dwar diversi kazi ta' preskrizzjoni biennali ghandu japplika ghad-diversi kazi tal-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar.

Ukoll jekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif intavolata kellha tigi kkunsidrata, hija xorta wahda ma tistax tirnexxi u dan ghall-motiv li sejjer jinghata.

*Reus in excipiendo fit actor.* Il-preskrizzjoni hija eccezzjoni opposta ghall-azzjoni istanti, b'mod li l-konvenut isir attur meta jgib dik l-eccezzjoni 'l quddiem, u ghalhekk l-istess 'reus' huwa fl-obbligu li jipprova dak li ghandu jservi bhala fondament ghall-eccezzjoni tieghu – Qorti tal-Appell (Sede Civili) 19.11.1962 Vol XLVI.i.372 – Maria Zammit vs Lawrence James Cappello et.

Ghalhekk il-konvenut, galadarba qajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, irid ikun hu li jippruvaha fl-elementi kollha taghha. Irid qabel xejn jipprova il-gurnata li fiha bdiet timxi l-preskrizzjoni, ghax kull preskrizzjoni estintiva tibda timxi minn dak il-mument li fih titwieled l-azzjoni (Laurent, Diritto Civile, Vol XXXII para 16; Baudry, Diritto Civile, Prescrizione, para 380, 381 u 384; Kollezz. XXVIII.i.726; XXXVII.ii.622). Una volta tinghata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, min jaghtiha jkollu jipprova l-element essenzjali tal-eccezzjoni tieghu u cioe' li kien bhala fatt iddekorra t-terminu statutorju preskrittiv. Dana mid-data minn meta l-attur seta' jopponi l-azzjoni. Stabbilit dan imbaghad jispetta lill-attur illi jaghzel it-triq lilu miftuha biex jiddefendi ruhu kontra l-estinzjoni tal-azzjoni tieghu f'wiehed jew iktar mill-mezzi li l-ligi tqieghed ghad-dispozizzjoni tieghu. Qabel xejn pero' jispetta lill-konvenut li jistabbilixxi definittivament il-mument minn meta beda jiddekorri skond il-ligi t-terminu preskrittiv u jekk kienx effettivament hekk iddekorra minn dak il-mument sal-mument meta tkun giet intavolata l-azzjoni. Din il-prova trid tirrizulta mill-atti quddiem il-Qorti u ma tistax tigi arguwita minn fatti li ma jirrizultawx provati (Perit Guido Vella vs Nutar Cefai, Appell, 05.10.2001). F'kaz fejn giet eccepita l-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar u li fih kien hemm dubbju meta tabilhaqq tlesta x-xoghol, dan id-dubbju jmur favur l-attur - Prim'Awla, Imhallef JR Micallef, Victor Portelli vs Mark Psaila – 29.05.2003 li tikkwota wkoll sentenzi ohrajn.

Minn ezami bir-reqqa tal-atti, ma jirrizultax li l-konvenut irnexxielu jipprova dan l-element ta' prova: l-ewwel qal li x-xoghol tlesta mill-attur fit-18 ta' Mejju 2001; imbaghad, rinfaccjat bi provi kuntrarji (is-surveyor mar wara din id-data, u anke nxtraw parts xhur wara) biddel il-verzjoni

tieghu u qal li mid-data tal-incident (li del resto qatt ma giet specifikata) sa meta rega' ha l-karozza lura ghaddew bejn erba' u hames gimghat. Xhieda bhal din fejn il-konvenut biddel il-verzjoni skond kif jaqbillu xejn ma hi kredibbli u t-Tribunal qieghed jiskartaha.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni u jordna li l-kawza titkompla tinstama' fil-mertu.

Spejjez rizervati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------